MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 423/2006

**Talba Nru: 423/06PBC**

**Attilio Briffa ( ID 323976(M) )**

**Vs**

**Donald Despott A & C.E. u Giovannella konjugi Despott u George u Maria konjugi Schembri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta’ erba’ mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm421.62c) u dan billi huwa sid il-vettura Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni DBI 305.

Illi l-fond li fih l-attur jirrisjedi flimkien mal-genituri tieghu Anthony u Rita konjugi Briffa, cjoe' l-fond 'Alice', Qawra Road, Qawra huwa mikri lill-istess konjugi Briffa minghand il-konvenuti Despott kif jirrizulta mill-iskrittura annessa ma' l-Avviz u mmarkata bhala Dokument A.

Illi l-fond adjacenti u cjoe' l-fond 'Salina Serena', Qawra Road, Qawra huwa proprjeta' tal-konvenuti konjugi Schembri.

Illi parti mill-hajt li jiddividi l-imsemmija zewg proprjetajiet, waqghet fuq il-vettura ta' l-attur, waqt li din kienet parkeggata hdejn l-istess hajt, bir-rizultat li l-istess vettura garrbet hsarat, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi bhala rizultat ta' dan l-incident, l-attur sofra danni ammontanti ghas-somma ta' erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm421.62c).

Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati, *qua* sidien ta' l-imsemmi hajt, sabiex jersqu ghall-hlas tad-danni li sofra l-attur bhala rizultat ta' l-imsemmi incident, dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk l-attur talab li dan it-Tribunal:

1. Jiddikjara li l-vettura proprjeta' ta' l-attur garrbet hsarat bhala rizultat tal-fatt li parti mill-hajt jiddividi z-zewg proprjetajiet rispettivi tal-konvenuti, waqghet fuq l-imsemmija vettura;

2. Jiddikjara li d-danni sofferti mill-attur bhala rizultat ta' l-imsemmi incident jammontaw ghal erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm421.62c);
3. Jikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu l-imsemmija somma lill-attur.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti.

Ra r-Risposta tal-konjugi Despott li biha wiegbu illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u fl-ekwita' u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi l-vettura DBI 305 m'hijiex proprjeta' ta' l-attur u ghalhekk jinhtieg issir il-prova ta' tali proprjeta'.

2. Illi l-kawzi prossimi ta' l-incident *de quo* kienu primarjament maltempata qawwija li tikkwalifika bhala *act of God* u *force majeure* u sekondarjament caqliq u cediment tas-sigar sitwati fil-fond tal-ko-konvenuti konjugi Schembri, liema sigar imbuttaw ic-cnagen li waqghu fuq il-vetturi DBI 305.

3. Illi l-esponenti pprovda garaxx ghall-ipparkjar ta' l-imsemmija vettura proprju sabiex l-istess tkun protetta mill-elementi b'dan illi l-membri tal-familja Briffa apparentement fuq bazi regolari kienu jippreferu jipparkjaw fit-triq bir-riskji konnessi li ghalihom ghandhom iwiegbu huma.

4. Illi l-*quantum* tad-danni huwa wkoll kontestat billi l-pretensjonijiet attrici qabel ma nfethet il-kawza kif vantati mill-ko-konvenut Schembri, kienu fl-ammont ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) u l-esponenti ma jistax jifhem kif inflazzjonaw ruhhom f'perjodu daqshekk qasir.

Illi l-konvenuti Schembri eccepew illi kienu waslu li bla pregudizzju jhallsu s-somma sabiex jevitaw li jigu nvoluti fi proceduri l-Qorti, u ghalhekk m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur.

Ma' dan kollu l-hsara kkagunata fuq il-vettura msemmija mill-attur kien rizultat ta' *act of God* li ma jistghux jirrispondu ghalih il-konvenuti.

Illi l-esponenti ma kkontribwew bl-ebda mod ghall-hsara kagunata stante li huma dejjem zammew il-hajt divizorju msemmi mill-attur fi stat ta' manutenzjoni tajba u b'mod regolari, ta' l-anqas ghal dak li jirrigwarda ghan-naha ta' l-istess konvenuti Schembri.

Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet kollha precedenti u subordinatament ta' l-istess il-pretensjoni attrici hija esagerata.

Sema’ x-xhieda ta’ Rita Briffa, Anthony Briffa, Walter Vella, Attilio Briffa, Matthew Azzopardi, PS 698 Sean Tabone, l-Perit Donald Despott u George Schembri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Natasha Sciberras ghall-attur, Dr Gianfranco Gauci ghall-konvenuti Despott u Dr Leslie Cuschieri ghall-konvenuti Schembri.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-genituri ta’ l-attur jikru l-fond li jismu ‘Alice’, Qawra Road, Salina minghand il-konvenuti Despott u fiz-zmien ta’ l-incident il-post kien mikri bis-sahha ta’ skrittura ta’ lokazzjoni tas-16 ta’ Frar, 2003 li tinsab esebita a fol 68 tal-process.  Dan il-post imiss ma’ post, proprjeta’ tal-konvenuti Schembri li jismu ‘Salina Serena’, Qawra Road, Qawra.

Illi l-attur kellu l-vettura tieghu DBI 305 ipparkjata fid-*drive in* tal-post li jismu ‘Alice’, Qawra Road, Qawra.  Illi fit-2 ta’ Frar, 2006 sar incident meta zewgt icnagen mill-hajt li jiddividi z-zewg proprjetajiet fuq imsemmija, cjoe’ l-parti tal-hajt li jiddividi d-*drive in* tal-fond li jismu ‘Alice’ u l-*front garden* tal-fond li jismu ‘Salina Serena’, waqa’ u laqat il-vettura pparkjata ta’ l-attur u b’hekk ikkawzawlha hsara. L-attur qieghed jitlob li jigi kkompensat ghad-danni minnu subiti fil-vettura.

Fl-ewwel lok it-Tribunal jirrileva illi l-attur kellu kull dritt jipparkja l-vettura tieghu fl-imsemmi *drive in* u certament l-attur m’ghandux tort jew htija ghal dan l-incident.

Il-konvenuti Despott, bhala sidien tal-fond in kwistjoni qeghdin isostnu illi huma m’ghandhomx ibatu ghat-telf subit mill-attur u dan billi fl-ewwel lok jekk il-hajt in kwistjoni waqa’ minhabba l-istat hazin li kien jinsab fih, il-hajt kien f’dan l-istat minhabba nuqqas ta’ manutenzjoni tal-genituri ta’ l-attur li, skond l-iskrittura ta’ lokazzjoni,

kellhom obbligu li jiehdu hsieb il-manutenzjoni ta' l-istess hajt. Huma jsostnu li l-konjugi Briffa ma hadux hsieb dan il-hajt u b'hekk dan il-hajt waqa'. Huma jsostnu wkoll illi l-hajt waqa' ghaliex gie mbuttat mill-frieghi ta' sigra ta' l-Oleander li tinsab imhawwla fil-*front garden* tal-proprjeta' tal-konjugi Schembri liema sigra hija biss ftit pulzieri 'l boghod mill-hajt divizorju u ghalhekk billi dakinhar kien hemm rih qawwi, l-istess rih hakem din is-sigra. Il-frieghi, hekk imhakkmin bir-rih, imbuttaw iz-zewgt icnagen fuq imsemmija li waqghu mbaghad fuq il-karozza. Finalment isostnu illi l-incident sar minhabba r-rih u ghalhekk dan huwa *force majeure* u konsegwentement ghal bazi tal-principju *casus sentit dominus*, il-hsarat relattivi ghandu jbatihom l-attur.

L-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti Schembri huma fis-sens illi s-sigra bl-ebda mod ma kkawzat il-hsarat u illi l-incident sehh minhabba nuqqas ta' manutenzjoni ta' l-imsemmi hajt min-naha tal-Perit Despott jew l-inkwilini tieghu u li f'kull kaz l-incident sehh minhabba ta' *act of God*.

It-Tribunal sema' x-xhieda u ra l-atti kollha tal-kawza u jibda biex jghid illi mill-provi prodotti, l-eccezzjoni ta' *force majeure* jew *act of God* ghandha tigi respinta. Il-fatt li minn zmien ghall-zmien ikun hemm rih, u dan ir-rih ikun ta' certu qawwa ma jfissirx necessarjament illi kull incident li jigri minhabba ta' tali rih ghandu jigi mputat ghal *act of God*.

Huwa prevedibbli illi jkun hemm rih u li minn zmien ghall-zmien dan ir-rih ikun qawwi u ghalhekk is-sidien tal-proprjetajiet ghandhom jiehdu hsieb li jilqghu ghal dawn l-elementi. Il-forzi ta' l-elementi huma forzi naturali. Huwa veru li hadd m'ghandu kontroll fuq ir-rih, izda daqstant iehor huwa veru illi rih jigi minn zmien ghall-zmien u *bonus pater familias* huwa obbligat illi janticipa ghal dawn il-problemi u jaccerta li jiehu hsieb il-proprjeta' tieghu b'tali mod illi din ma tikkawzax hsara lil terzi. Sid jista' jaghmel li jrid fi hwejgu u jista' jhallih jaqa' zdingat izda jekk minhabba f'hekk jikkawza hsarat lil terzi, huwa jrid jaghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas. Ma jirrizultax li fil-kaz

odjern kien hemm rih tant qawwi li jmur oltre dak li jqum minn zmien ghall-zmien.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi s-sigra ta’ l-Oleander kienet imhawwla madwar pied jekk mhux inqas ‘il boghod mill-hajt divizorju u inoltre, l-frieghi ta’ l-istess sigra kienu anki jhokku jew imissu mal-hajt divizorju. Il-Kodici Civili fl-Artikolu 437 jitkellem fuq certu distanzi li ghandhom jinzammu meta jithawlu sigar, izda dan ma jfissirx li jekk wiehed izomm tali distanzi huwa awtomatikament mehlus mir-responsabbilta’. Daqstant iehor ma jfissirx illi jekk wiehed ihawwel sigra f’anqas mid-distanza hemm imsemmija, jfisser li awtomatikament dik is-sigra tkun qed taghmel il-hsara jew dannu.

Illi ghalhekk sa certu punt, id-distanza tas-sigra mill-hajt divizorju wahedha ma jfissirx li awtomatikament hemm responsabbilta’. It-Tribunal pero’ jhoss illi mill-provi jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi minhabba r-rih qawwi, l-frieghi ta’ din is-sigra gew imhakkmin mir-rih u dawn certament kellhom effett li jimbuttaw xi ftit dan il-hajt u ghalhekk dawn certament kellhom element kontributorju ghall-incident in kwistjoni.

Illi inoltre, t-Tribunal huwa daqstant iehor konvint illi dan il-hajt ma kienx qed jigi mizmum fi stat tajjeb ta’ riparazzjoni. Jirrizulta car mix-xhieda ta’ Matthew Azzopardi li dan il-hajt kien imbewwaq ‘il barra, jigifieri lejn in-naha ta’ fejn kienet ipparkjata l-vettura u fil-fatt, ghalkemm waqghu biss zewgt icnagen, dan Azzopardi spicca biex hatt tlett filati ta’ dan il-hajt u rega’ bnieh mill-gdid proprju minhabba dan it-tbewwiq. L-obbligu biex il-proprjeta’ tinzamm fi stat tajjeb ta’ riparazzjoni jispetta primarjament lis-sid tal-proprjeta’ u ghalhekk certament kemm il-konvenuti Despott u kif ukoll il-konvenuti Schembri kellhom l-obbligu li jaccertaw li dan il-hajt divizorju jinzamm fi stat tajjeb ta’ riparazzjoni. It-Tribunal huwa tal-fehma li dan l-istat hazin tal-hajt kien il-kawza prossima ta’ l-incident. Il-fatt li kien ir-rih u li dan seta’ hakem il-frieghi tas-sigra w imbutta l-hajt huwa fattur sekondarju u kontributorju.

Billi huwa evidenti li dan il-hajt ma kienx fi stat tajjeb ta' riparazzjoni, t-Tribunal huwa tal-fehma li z-zewg sidien ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-hsarat li sofra l-istess attur b'dan illi l-konvenuti Schembri ghandhom jerfghu ftit aktar mill-piz tar-responsabbilta' minhabba li t-Tribunal huwa tal-fehma illi s-sigra in kwistjoni kellha effett kontributorju u f'dan ir-rigward huwa qieghed iqassam ossia jipproporzjona r-responsabbilta' kwantu ghal 3/5 fuq il-konvenuti Schembri u 2/5 fuq il-konvenuti Despott.

Il-konvenut Despott argumenta illi jekk il-hajt divizorju ma kienx fi stat tajjeb ta' riparazzjoni, dan ma kienx minhabba f'tort tieghu izda minhabba li l-post li kien mikri lill-gerituri ta' l-attur Briffa, ma hadux hsieb jaghmlu l-manutenzjoni. It-Tribunal jaqbel ma' din is-sottomissjoni ghalkemm proprjament f'dawn il-proceduri ma jehilsuhx mir-responsabbilta' u dan billi dan l-argument ghandu proprju jitqajjem f'kaz ta' proceduri bejnu u bejn l-inkwilini tieghu. F'kull kaz it-Tribunal jidhirlu li ghandu jaghmel din l-affermazzjoni biex b'hekk jigi evitat litigju ulterjuri u forsi l-kummenti tieghu f'dan ir-rigward jistghu jservu sabiex il-vertenza tigi rizolta finalment bejn il-partijiet kollha li ghandhom interess fiha. Huwa tassew relevanti d-dikjarazzjoni tal-genituri ta' l-attur li jghidu illi ghalkemm huma ndunaw bl-istat hazin ta' dan il-hajt divizorju, fis-snin li l-post kien mikri lilhom qatt m'ghamlu manutenzjoni lil dan il-hajt u lanqas biss ilmentaw mas-sid dwar l-istat ta' dan il-hajt. Jirrizulta pruvat illi gewwa d-dar, il-konjugi Briffa ghamlu diversi xoghlijiet anki xoghlijiet ta' entita' straordinarja izda imbaghad traskuraw il-hajt divizorju fid-*drive in*. Il-fatt li dan il-hajt kien qed jitbewwaq 'il barra juri bic-car illi l-hajt ma kienx qieghed fi stat tajjeb ta' riparazzjoni u li dan l-istat ma garax *overnight* izda kien ilu jsir fuq medda ta' zmien u certament, kieku l-konjugi Briffa hadu hsieb li jaghmlu l-manutenzjoni ordinarju, dan il-hajt ma kienx jiggrava sa dan l-istat biex b'hekk, ma' lanqas imbuttatura minn frieghi ta' sigra ta' l-Oleander, dan jispicca biex jaqghu zewgt icnagen.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, t-Tribunal ha konjizzjoni tax-xhieda ta' Walter Vella li ghamel *survey* fuq il-vettura u kkonferma li l-ispiza sabiex tigi riparata l-

vettura tammonta ghal tlett mija u sebgha u hamsin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm357.12c). Ma' din is-somma wiehed ghandu jzid hamest ijiem *loss of use* bir-rata ta' hames liri Maltin u disghin centezmu (Lm5.90c) li jigu disgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm29.50c) u inoltre, t-Tribunal jidhirlu li huwa ragunevoli li jizdiedu l-hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) *survey fees* biex b'hekk id-danni totali jammontaw ghal erba' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm421.62c) li huwa proprju l-ammont mitlub mill-attur.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ammont mitlub u dan kwantu ghal mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm253) mill-konvenuti Schembri u mija u tmienja u sittin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm168.62c) mill-konvenuti Despott, b'riserva favur il-konvenuti Despott ghal kull pretensjoni li ghandhom *si et quatenus* kontra Anthony u Rita konjugi Briffa. L-interessi jibdew jiddekorru mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz, cjoe' mill-5 ta' Mejju, 2006. L-ispejjez tal-kawza huma kwantu ghal 3/5 ghall-konvenuti Schembri u 2/5 ghall-konvenuti Despott.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------